MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2014

Numru 1000/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs.**

**Ali Mohamed Ali Ghoula**
**Khaled Hbib Ab Jalal**
**Mohamed Ali Lahderi**
**Abdulmohaimen A. AB El Hadiri**
**Mohamed M. Ali Al Gharib**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

**Ali Mohamed Ali Ghoula**, ta' wiehed u tletin (31) sena, iben Mohamed u Khaddoum xebba Hamruni, imwieled gewwa Tripoli, il-Libja nhar il-15 ta' Novembru 1982, residenti gewwa San Gorg Marina, San Giljan, detentur ta' Passaport Libjan b'numru 272200/2009;

**Khaled Hbib Ab Jalal**, ta' tmintax (18) il-sena, iben Hbib u Mona xebba Farhat, imwieled gewwa Tripoli, il-Libja nhar il-11 ta' Awwissu 1995, residenti gewwa Swieqi, detentur ta' Passaport Libjan b'numru 972030/2012;

**Mohamed Ali Lahderi**, ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Ali u Moufida xebba Laswad, imwieled gewwa Tripoli, il-Libja nhar l-1 ta' Ottubru 1992, residenti gewwa Sqaq is-Sigra, San Gwann, detentur ta' Passaport Libjan b'numru 889929/2012;

**Abdulmohaimen A. AB El Hadiri**, ta' tmintax (18) il-sena iben Ali u Moufida xebba Laswad, imwieled gewwa Tripoli, il-Libja nhar is-16 ta' Novembru 1995, residenti gewwa Sqaq is-Sigra, San Gwann, detentur ta' Passaport Libjan b'numru 581304/2013;

u

**Mohamed M. Ali Al Gharib**, ta' ghoxrin (20) sena, iben Mahmoud u Kamira xebba Laswad, imwieled gewwa Tripoli, il-Libja nhar it-13 ta' April 1994, residenti gewwa Sqaq is-Sigra, San Gwann, detentur ta' Passaport Libjan b'numru 889175/2012

akkuzati talli nhar is-17 ta' Mejju 2014 bejn is-06:00am u s- 07:00am gewwa San Giljan:

1. volontarjament kisru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kienu jinsabu fis-sakra b'mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb tieghhom innifshom, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati u l-ammissjoni bikrija taghhom f'dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 338(dd), 338(ee) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati Ali Mohamed Ali Ghoula, Khaled Hbib Ab Jalal, Mohamed Ali Lahderi, Abdulmohaimen A. AB El Hadiri, u Mohamed M. Ali Al Gharib hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannahom **kull wiehed** ghal ammenda ta' ghoxrin Euro (€ 20.00) fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, ghal ammenda ta' ghoxrin Euro (€ 20.00) fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, u ghal ammenda ta' ghoxrin Euro (€ 20.00) fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------